MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2011

Numru. 437/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Angelo Gafa)**

**vs**

**Joseph Said**

**Illum 14 ta' Jannar 2011**

Kumpilazzjoni Nru: 437/2008

Il-Qorti

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Joseph Said, ta' 58 sena, bin Saviour u Antonia nee' Farrugia, imwieled Marsa, fit-22 ta' Awissu, 1949 u residenti gewwa Whitewalls/2 Triq Selmun, Selmun u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 666049(M).

Akkuzat talli f’ dawn il-Gzejjer, fit-22 ta’ Frar, 2008 u fil-jiem ta’ qabel, b’ diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li kisru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’ rizoluzzjoni wahda, bil-hsieb li ggieghel lil Onorevoli David Agius MP jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga, heddu li jaghmel denunzja jew kwerela kontra, jew li jaghti malafama lill-Onorevoli David Agius MP.

Kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi uza vjolenza sabiex iggieghel lill-Onorevoli David Agius MP jaghmel, ihalli jsir, jew jonqos milli jaghmel xi haga.

Rat l-artikoli 18, 250(1) u 251(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputat ammetta l-imputazzonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi jirrizulta li fil-11 ta’ Jannar 2011 il-parte civile u l-imputat lahqu ftehiem fuq il-pendenzi li kien hemm bejniethom; dan il-ftehiem gie redatt bil-miktub u esebiet in atti. Minnu jidher li kien minhabba *misunderstanding* li l-imputat agixxa kif agixxa. Min-naha tieghu l-parte civile jaccetta li dan kien li wassal lill-imputat biex ghamel dak li ghamel u accetta l-iskuzi ta’l-imputat.

Illi fil-fatt in vista ta’ dawn il-kjarifiki u s-sussegwenti ftehiem l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat. Hadet in konsiderazzjoni ukoll il-ftehiem raggunt bejn il-partijiet,

mill-liema ftehiem jirrizulta li l-parte civile hija sodisfatta b'dan il-ftehiem bhal rimedju u m'ghandha l-ebda interess ulterjuri f'dawn il-proceduri. Fattur iehor li bil-fors ghandu jittiehed in konsiderazzjoni huwa l-fedina penali ta'l-imputat li hija netta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 250(1) u 251(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------